32000R0032

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 32/2000
tas-17 ta' Diċembru 1999
li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità obbligat ruħha, fi ħdan il-qafas tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u n-Negozju (GATT), li tiftaħ kwoti ta' tariffi Komunitarji kull sena b'dazju mnaqqas jew bla dazju għal ċertu numru ta' prodotti, soġġetti għal ċerti kondizzjonijiet;

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95 ta' l-24 ta' Lulju 1995 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u xi kwoti oħra tat-tariffi Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli, industrijali u tas-sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati sabiex dawn il-kwoti [1] jiġu addattati, ġie emendat b'mod ripetut u sostanzjali; billi issa li huma meħtieġa iktar emendi, għandu jiġi magħmul għal darb'oħra u ssimplifikat għal raġunijiet ta' ċarezza, skond ir-Regolament tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 1996 [2];

(3) Dan ir-Regolament ma japplikax għall-kwoti ta' tariffi għall-prodotti agrikoli marbutin fil-GATT, li huma koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar l-aġġustamenti u l-arranġamenti transitorji meħtieġa fis-settur agrikolu sabiex jiġi implimentat il-ftehim konkluż matul l – Uruguay Round tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali [3];

(4) Wara t-tnaqqis fid-dazji tad-dwana miftehma fi ħdan il-qafas tal-GATT, ċerti prodotti li qabel kienu koperti bir-Regolament (KE) Nru 1808/95 huma issa eżentati mid-dazji tad-dwana fuq l-importazzjoni; għalhekk mhumiex inklużi f'dan ir-Regolament;

(5) Il-Komunità kkonkludiet Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri mal-Kanada li jipprovdi għall-ftuħ ta' 650 000 tunellata ta' kwota ta' tariffa għal *newsprint* (numru ta' l-ordni 09.0015), li 600 000 tunnellata minnhom, skond l-Artikolu XIII tal-GATT, huma riservati sat-30 ta' Novembru ta' kull sena għal prodotti mill-Kanada biss; il-Ftehim jipprovdi wkoll għal żjieda mandatarja ta' 5 % fis-sehem tal-kwota riservata għall-importazzjonijiet mill-Kanada fil-każ li dak is-sehem jiġi eżawrit qabel l-aħħar ta' sena partikolari;

(6) Skond l-offerta li għamlet fi ħdan il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (Unctad) u maġenb l-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati, il-Komunità Ewropea introduċiet il-preferenzi tat-tariffa fl-1971 għall-prodotti tal-ġuta u tal-fibra tal-ġewża ta' l-Indi li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; dawn il-preferenzi ħadu l-forma ta' tnaqqis gradwali tad-dazji tat-Tariffi tad-Dwana Komuni u, mill-1978 sal-31 ta' Diċembru 1994, is-sospensjoni sħiħa ta' dawn id-dazji;

(7) Sa mid-dħul fis-seħħ ta' l-iskema l-ġdida ta' preferenzi ġeneralizzati tat-tariffa, nhar l-1 ta' Jannar 1995 il-Komunità, maġenb il-GATT, feṫet kwoti ta' tariffi Komunitarji awtonomi ta' bla dazju għal kwantitajiet speċifiċi ta' prodotti tal-ġuta u tal-fibra tal-ġewża ta' l-Indi sal-31 ta' Diċemrbu 1999 permezz tar-Regolamenti (KE) Nri 764/96 [4] u 1401/98 [5]; minħabba li l-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2001 permezz tar-Regolament (KE) Nru 2820/98 [6], dan l-arranġament tal-kwota għandu wkoll jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2001;

(8) Fil-kuntest tar-relazzjonijet esterni, il-Komunità tat lill-Isvizzera obbligu li kull sena tiftaħ kwota ta' tariffa ta' bla dazju li tibda sseħħ mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awissu

(1) ĠU L 176, tas-27.7.1995, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1401/98 (ĠU L 188, tat-2.7.1998, p. 1).
(2) ĠU C 332, tas-7.11.1996, p. 1.
(3) ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
(4) ĠU L 104, tas-27.4.1996, p. 1.
(5) ĠU L 188, tat-2.7.1998, p. 1.
(6) ĠU L 357, tat-30.12.1998, p. 1.

tas-sena ta' wara, biex tkopri forom varji ta' proċess tax-xogħol imwettaq fuq drapp taħt l-arranġamenti ta' proċess 'il barra; skond il-klawsola ta' nazzjon iffavorit, l-Isvizzera u pajjiżi oħra terzi jistgħu jużaw din il-kwota;

(9) Il-Komunità ddikjarat lilha nfisha lesta li tiftaħ kwoti ta' tariffi tal-Komunità annwali b'rata żero għal xi prodotti magħmulin bl-idejn u drappijiet tan-nisġa bl-idejn; madanakollu, l-importazzjonijet jistgħu biss jikkwalifikaw għal dawn il-kwoti mal-preżentazzjoni lill-awtoritajiet Komunitarji tad-dwana ta' ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju li jistqarr li l-oġġetti in kwistjoni huma magħmulin bl-idejn jew minsuġin bl-idejn;

(10) It-terminu "prodotti magħmulin bl-idejn" jeħtieġ li jiġi ddefinit sabiex jiġi żgurat li din is-sistema taħdem tajjeb;

(11) Hija meħtieġa sistema għall-aġġornar ta' l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet tal-gvern, awtorizzati li joħorġu ċetifikati ta' awtentiċità;

(12) L-applikazzjoni xierqa ta' l-arranġamenti għal prodotti magħmulin bl-idejn u drappijiet minsuġa fuq nisġiet teħtieġ li ssir disposizzjoni għall-intitolament ta' kwoti ta' tariffi li jiġu rtirati kollha jew f'parti b'mod temporanju fil-każ ta' irregolaritajiet jew nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva, u li proċeduri għal kooperazzjoni amministrattiva jitwaqqfu biex issir verifika fuq il-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtentiċità;

(13) La l-aċċess għall-kwoti ta' tariffa għal prodotti magħmulin bl-idejn u drappijiet tan-nisġa bl-idejn hu miftuħ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw taħt il-GSP, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa, kif tirċievi talba uffiċjali u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana, li testendi l-lista ta' benefiċjarji tal-kwota biex tinkludi pajjiżi intitolati għall-GSP li joffru l-garanziji neċessarji għall-ivverifikar ta' l-awtentiċità tal-prodotti;

(14) Il-Komunità, fit-twettiq ta' l-obbligi internazzjonali, hija meħtieġa li tiftaħ kwoti ta' tariffi; l-importaturi Komunitarji kollha għandhom ikunu garantiti aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti msemmija, u r-rati tad-dazju stabbiliti għall-kwoti għandhom jiġu applikati mingħajr interruzzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti konċernati fl-Istati Membri kollha sakemm il-kwoti jiġu eżawriti;

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana Komunitarja [1] ikkonsolida l-arranġamenti għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi li għandhom jiġu wżati f'ordni kronoloġika tad-dati ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet għal ċirkolazzjoni libera;

(16) Għal raġunijiet ta' ħeffa u effiċjenza, il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha ssir sakemm ikun possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi;

(17) Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni li jemendaw in-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċi tat-Taric jew li jaġġustaw il-volumi tal-kwota u r-rati tad-dazju ma jinvolvux xi bidliet kbar; fl-interessi tas-simplifikazzjoni l-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana, għandu jkollha s-setgħa li tagħmel emendi u aġġustamenti tekniċi għal dan ir-Regolament;

(18) Dan ir-Regolament għandu jiġi aġġustat fil-każ ta' emendi għall-ftehim eżistenti fi ħdan il-qafas tal-GATT, inkluż it-tnaqqis tad-dazji tad-dwana u, fejn għandhom x'jaqsmu prodotti ffabbrikati minn fibri tal —ġuta u fibri tal-ġewża ta' l-Indi, fil-każ ta' estensjoni ta' l-iskema tal-preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati; il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana, għandha għalhekk ikollha s-setgħa li tagħmel emendi rilevanti għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż l-Annessi tiegħu, sakemm il-bidliet miftehma jispeċifikaw il-prodotti eliġibbli għall-kwoti ta' tariffi, il-volumi tal-kwoti, ir-rati tad-dazju u l-perjodi, u kull kondizzjoni ta' eliġibiltà;

(19) Ladarba d-definizzjonijiet għall-prodotti magħmulin bl-idejn u d-drappijiet tan-nisġa magħmulin bl-idejn u ċ-ċertifikati ta' l-awtentiċità jistgħu jiġu armonizzati fil-ġejjieni, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana, għandu jkollha s-setgħa li tadatta dawn id-definizzjonijiet u tibdel il-kampjuni li jidhru fl-Annessi VI u VII;

(20) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ġew adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mgħoddija lill-Kumissjoni [2],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

ARRANĠAMENTI ĠENERALI

L-Artikolu 1

1. Il-prodotti elenkati fl-Annessi I, II, III, IV u V għandhom ikunu eliġibbli għar-rati mnaqqsa tad-dazju taħt il-kwoti ta' tariffi Komunitarji matul il-perjodi u skond id-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-Annessi msemmija.

[1] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1662/1999 (ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 25).

[2] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

2. Għall-għanijiet tal-kambju ta' l-ammonti espressi f'euros għal valuti nazzjonali, l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [1], għandu japplika għall-Istati Membri għajr għal dawk imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [2].

IT-TITOLU II

ARRANĠAMENTI SPEĊJALI GĦAL ĊERTI KWOTI TA' TARIFFI

It-Taqsima 1

Kwota ta' tariffa għal *newsprint*

L-Artikolu 2

1. Mit-30 ta' Novembru kull sena, kwalunkwe parti tal-volumi tal-kwota għal *newsprint* imsemmija fl-Anness I mhux użata fid-29 ta' Novembru u x'aktarx li ma tintużax sal-31 ta' Diċembru tista' tiġi wżata biex tkopri l-importazzjonijiet tal-prodotti in kwistjoni mill-Kanada jew minn pajjiż ieħor mhux tal-KE.

2. Fejn il-kwota ffissata ta' 600 000 tunellata mill-Kanada tkun ġiet eżawrita u ebda kwota awtonoma ta' iktar minn 30 000 tunnellata ma tkunx ġiet miftuħa għall-bqija tas-sena, il-kwota ffissata għandha tiġi miżjuda mill-Kummissjoni bi 15 % oħra. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ż-żjieda tal-kwota fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, serje "C".

It-Taqsima 2

Il-kwoti ta' tariffa għal prodotti magħmulin jew minsuġin bl-idejn

L-Artikolu 3

L-aċċess għall-kwoti ta' tariffi għal prodotti magħmulin bl-idejn huwa ristrett għall-prodotti msemmija fl-Anness IV, akkumpanjati minn ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtorità governattiva kompetenti fil-pajjiż benfiċjarju u li jikkonforma ma' l-mudell fl-Anness VI.

L-Artikolu 4

L-aċċess għall-kwoti ta' tariffi għal prodotti minsuġa bl-idejn huwa ristrett għall-prodotti msemmija fl-Anness V akkumpanjati minn ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtorità governattiva kompetenti fil-pajjiż benfiċjarju u li jikkonforma ma' l-eżempju fl-Anness VII. Dawn l-oġġetti għandu jkollhom timbru approvat mill-awtoritajiet imsemmija fil-bidu u fl-aħħar ta' kull biċċa; b'deroga, jista' jiġi mwaħħal siġill approvat mill-awtoritajiet tal-pajjiż tal-manifattura ma' kull biċċa.

L-Artikolu 5

Il-prodotti msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jridu jiġu ttrasportati b'mod dirett lill-Komunità mill-pajjiż manifattur.

Dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati li kienu ġew ittrasportati b'mod dirett:

(a) oġġetti li kienu ġew ittrasportati mingħajr ma daħlu fit-teritorju ta' pajjiż mhux Stat Membru tal-Komunità; id-dħul f'portijiet f'pajjiżi mhux membri tal-Komunità m'għandux jitqies li jkun qiegħed jikser t-trasport dirett, kemm-il darba l-oġġetti ma jkunux trasbordati matul din il-waqfa;

(b) oġġetti li kienu ġew ittrasportati permezz ta', jew ittrasbordati fit-territorju ta' pajjiż mhux membru jew pajjiżi mhux membru, kemm-il darba dan it-trasport jew it-trasbord ikun kopert minn dokument tat-trasport wieħed ifformulat fil-pajjiż tal-manifattura.

It-Taqsima 3

Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għal prodotti magħmulin bl-idejn jew minsuġin bl-idejn

L-Artikolu 6

1. L-aċċess għall-kwoti ta' tariffi li għalihom hemm provdut fl-Artikoli 3 u 4 jista' f'xi ħin jiġi rtirat b'mod temporanju, kollu jew parti minnu, fil-każ ta' irregolaritajiet jew nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa għall-verifikazzjoni taċ-ċertifikati ta' awtentiċità.

2. Id-deċiżjoni li l-intitolament għall-kwoti ta' tariffi msemmija fil-paragrafu 1 jiġi rtirat b'mod temporanju, kollu jew f'parti, għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10(2), wara konsultazzjonijiet xierqa minn qabel meħuda mill-Kummissjoni mal-pajjiż benefiċjarju in kwistjoni.

3. (a) Meta l-proċedura għall-irtirar temporanju totali jew parzjali ta' l-aċċess għall-kwoti ta' tariffi tiġi applikat il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż fis-serje "C" tal-Ġurnal Uffiċjali li tistqarr li għandha dubju raġjonevoli għall-intitolament tal-benefiċċju taħt dan ir-Regolament u telenka l-oġġetti, il-produtturi u l-esportaturi konċernati.

(b) Il-proporzjon tad-debitu tad-dwana li jikkorrispondi għal konċessjoni moħtija taħt dan ir-Regolament m'għandux jiġi meqjus għajr fejn id-debitu jsir wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi fis-subparagrafu (a) u dwar oġġetti, produtturi jew esportaturi msemmija f'dik in-notifika, jew fejn tapplika t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 221(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

L-Artikolu 7

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet governattivi li jinsabu fit-teritorju tagħhom li għandhom is-setgħa li joħorġu ċertifikati ta' awtentiċità, flimkien ma' kampjuni tat-timbri użati minn dawk

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament huwa l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 955/1999 (ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1).

[2] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

l-awtoritajiet, u l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet governattivi responsabbli għall-ivverifikar taċ-ċertifikati. It-timbri għandhom ikunu validi mid-data li l-Kummissjoni tirċievi l-kampjuni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni, jekk possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri. Meta informazzjoni bħal din tkun qiegħda taġġorna komunikazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni għandha turi d-data meta l-bolol ġodda jsiru validi skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji. Din l-informazzjoni hija konfidenzjali; madanakollu meta l-oġġetti jiġu ppreżentati għal ċirkolazzjoni libera, l-awtoritajiet tad-dwana in kwistjoni jistgħu jħallu lill-importatur jew lir-rappreżentant hekk awtorizzat tiegħu jikkonsulta l-impressjonijiet abbozz tal-bolol imsemmija f'dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fis-serje "C" tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, l-ismijiet ta' l-awtoritajiet fil-pajjiżi ta' manifattura intitolati li joħorġu ċ-ċertifikati ta' awtentiċità u, fejn xieraq, id-data li fiha l-pajjiżi benefiċjarji ġodda ssodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Il-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' awtentiċità għandu jsir b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet tad-dwana fil-Komunità jkollhom dubju raġjonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew l-eżattezza ta' l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-prodotti inkwistjoni.

4. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tad-dwana fil-Komunità għandhom jibagħtu lura kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità lill-awtorità governattiva kompetenti fil-pajjiż esportatur benefiċjarju, waqt li jagħtu, fejn xieraq, ir-raġunijiet għall-forma jew is-sostanza ta' inkjesta. Il-fattura jew il-kopja tagħha, kif ukoll id-dokumenti l-oħra kollha rilevanti, għandhom jiġu mehmuża mal-kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom ukoll jgħaddu kull informazzjoni li ġiet miksuba li tissuġġerixxi li d-dettalji mogħtija fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità mhumiex eżatti.

Jekk l-awtoritajiet imsemmija jiddeċiedu li jissospendu l-ammissjoni għall-kwoti ta' tariffi fl-istennija tar-riżultati tal-verifika, huma għandhom joffru li jgħaddu l-prodotti lill-importatur soġġett għal kwalunkwe prekawzjonijiet li jitqiesu meħtieġa.

5. Meta applikazzjoni għal verifika sussegwenti tkun saret skond il-paragrafu 1, għandha ssir verifika bħal din u r-riżultati tagħha kkomunikati lill-awtoritajiet tad-dwana fil-Komunità fi żmien massimu ta' sitt xhur. Ir-riżultati għandhom ikunu tali li jistabbilixxu jekk iċ-ċertifikat ta' awtentiċità inkwistjoni japplikax għall-prodotti fil-fatt esportati u jekk dawn il-prodotti kienux fil-fatt eliġibbli li jibbenifikaw mill-kwota ta' tariffa.

6. Jekk, f'każijiet ta' dubju raġjonevoli, ma jkunx hemm ebda risposta fi żmien is-sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 5 jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni biżżejjed biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokument in kwistjoni jew l-eżattezza ta' l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-prodotti konċernati, għandha tintbagħat komunikazzjoni oħra lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk wara t-tieni komunikazzjoni r-riżultati tal-verifika ma jiġux ikkomunikati lill-awtoritajiet li jkunu qegħdin jitolbuhom fi żmien erba' xhur, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux l-awtentiċità tad-dokument in kwistjoni li tiġi stabbilita, l-awtoritajiet li jkunu qegħdin jitolbuhom għandhom, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw l-intitolament għall-miżuri tat-tariffa.

7. Meta l-proċedura tal-verifika jew xi informazzjoni oħra disponibbli tidher li turi li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkunu qegħdin jiġu miksurin, il-pajjiż esportatur benefiċjarju għandu, fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq it-talba tal-Komunità, iwettaq inkjesti xierqa jew iħejji biex jitwettqu dawn l-inkjesti bl-urġenza dovuta biex jidentifikaw u jipprevjenu dawn il-kontravenzjonijiet. Għal dan l-iskop il-Komunità tista' tipparteċipa fl-inkjesti.

8. Bil-għan għal verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' awtentiċità, kopji taċ-ċertifikati kif ukoll kull dokument ta' esportazzjoni li jirreferi għalihom għandu jinżamm għal mill-inqas tliet snin mill-awtorità governattiva kompetenti tal-pajjiż esportatur benefiċjarju.

IT-TITOLU III

L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KWOTI TA' TARIFFI

L-Artikolu 8

Il-kwoti ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 308a sa l-Artikolu 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'din il-ħaġa għandha ssir sakemm ikun possibbli, b'mezzi elettroniċi.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi lill-importaturi tal-prodotti in kwistjoni aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti sakemm il-bilanċ tal-volumi tal-kwota jippermetti dan.

IT-TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 9

1. Id-disposizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż:

(a) l-emendi u l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa minħabba bidliet fin-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċi tat-Taric;

(b) l-aġġustamenti meħtieġa minħabba:

— l-konklużjoni mill-Kunsill ta' ftehim jew skambji ta' ittri fi ħdan il-qafas tal-GATT jew il-konformità ma' l-obbligi kuntrattwali tal-Komunità lejn xi pajjiżi fi ħdan il-qafas tal-GATT, jew

— l-estensjoni ta' l-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti tal-ġuta u tal-fibra tal-ġewża ta' l-Indi;

(ċ) iż-żjieda tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw mal-listi miżmuma fl-Annessi IV u V fuq it-talba uffiċjali ta' pajjiż applikant li joffri l-garanziji meħtieġa għall-verifika ta' l-awtentiċità ta' dawn il-prodotti;

(d) l-emendi u l-aġġustamenti għad-definizzjonijiet għal prodotti magħmulin bl-idejn u d-drappijiet tan-nisġa magħmulin bl-idejn kif ukoll għaċ-ċertifikati ta' l-awtentiċità mudell

għandhom ikunu adottati skond il-proċedura li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 10(2).

2. Id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-pargarfu 1 m'għandhomx jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li:

— tittrasferixxi kwantitajiet preferenzjali mhux użati minn perjodu ta' kwota wieħed għal ieħor,

— tibdel l-iskedi li għalihom hemm provdut fil-ftehim jew l-iskambji ta' ittri,

— tagħmel aċċess għall-kwoti soġġett għal liċenzji ta' importazzjoni.

L-Artikolu 10

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana istitwit bl-Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Il-perjodu li għalih hemm provdut fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun tliet xhur.

L-Artikolu 11

Ir-Regolament (KE) Nru 1808/95 huwa hawnhekk irrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1808/95 għandhom jiġu miftehma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jittieħdu flimkien skond l-iskeda fl-Anness VIII.

L-Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

K. HEMILÄ

L-ANNESS I

LISTA TAL-KWOTI TA' TARIFFI KOMUNITARJI MARBUTIN BIL-GATT

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti irid jiġi meqjus li għandu iktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-kodiċi tan-NM. Fejn huma murija l-*ex* kodiċi tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħudin flimkien.

Numru konsekuttiv	Il-kodiċi tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota	Rata ta' dazju (%)
09.0006	0302 40 0303 50 0304 10 97 ex 0304 10 98 0304 90 22	 12 	Aringi, soġġetti għall-konformità mal-prezzijiet ta' referenza	mill-1 ta' Jannar 2000 sa l-14 ta'Frar 2000 u mis-16 ta' Gunju sa l-14 ta' Frar	(1) 34 000 tunnellata	0
09.0007	ex 0305 51 10 ex 0305 51 10 ex 0305 51 90 ex 0305 51 90 0305 59 11 0305 59 19 ex 0305 62 00 ex 0305 62 00 ex 0305 62 00 ex 0305 62 00 0305 69 10	10 20 10 20 20 25 50 60 	Merluzz ta' l-ispeċi *Gadus morhua* u *Gadus ogac* u ħut ta' l-ispeċi *Boreogadus saida*: — I- mnixxef, kemm jekk immellaħ kif ukoll jekk le iżda mhux iffumigat — immellaħ iżda mhux imnixxef jew iffumigat u fis-salmura	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	25 000 tunnellata	0
09.0009	ex 0302 69 68 ex 0303 78 19	10 10	Merluzz (*Merluccius bilinearis*), frisk, imkessaħ jew iffriżat	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	2 000 tunnellata	8
09.0013	ex 4412 19 00 ex 4412 92 99 ex 4412 99 80	10 10 10	*Playwood* ta' speċi koniferużi, mingħajr iż-żieda ta' sustanzi oħra: — ta' ħxuna ta' aktar minn 8,5 mm, li l-ucuħ tiegħu mhumiex imħejja aktar għajr mill-proċess ta' tqaxxir jew — *sanded*, u ta' ħxuna ta' aktar minn 18,5 mm	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	650 000 m^3	0
09.0015 09.0017	4801 00 10 ex 4801 00 90	10	*Newsprint* (2) (3): — mill-Kanada — minn pajjiżi terzi oħra	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	600 000 tunnellata 50 000 tunnellata	0 0
09.0019	7202 21 7202 29		*Ferro-silicon*	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	12 600 tunnellata	0
09.0021	7202 30 00		*Ferro-silicon-manganese*	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	18 550 tunnellata	0

(1) Il-volum li jifdal tal-perjodu ta' kwota 1999/2000 skond ir-Regolament (KE) Nru 1808/95.

(2) Kontroll ta' l-użu għal dan l-iskop għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.

(3) L-espressjoni "*newsprint*" għandha tittieħed li tapplika għal karta bajda jew għal karta li ġiet moghtija kulur ħafif fil-polpa, il-kontenut mekkaniku tal-polpa li jirrappreżenta għallinqas 70 % tal-kontenut totali ta' fibra, igglejżjat sa punt ta' mhux aktar minn 130 sekonda Bekk, mhux imdaqqas, li jiżen mhux inqas minn 40 g/m^2u mhux aktar minn 57 g/m^2, f'romblu ta' wisa' ta' mhux inqas minn 31 ċm, li fih 8 % jew inqas bil-piż ta' *fillers*, u mahsub għall-istampar ta' ġurnali ta' kuljum, ġurnali li joħorhu darba fil-ġimgha jew għal perjodiċi oħra ta' intestatura Nru 4902, ippubblikati għallinqas 10 darbiet fis-sena.

Numru konsekuttiv	Il-kodiċi tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota	Rata ta' dazju (%)
09.0023	ex 7202 49 10 ex 7202 49 50	11 11	Ferro-kromju li fih mhux aktar minn 0,10 % bil-piż ta' karbonju u aktar minn 30 % iżda mhux aktar minn 90 % ta' kromju (ferro-kromju super-raffinat)	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	2 950 tunnellata	0
09.0045	ex 0303 29 00	20	Ħut, iffriżat, tal-genus *Coregonus*	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	1 000 tunnellata	5,5
09.0046	ex 1605 40 00	30	Gamblu ta' l-ilma ħelu msajjar bix-xibt, iffriżat	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	3 000 tunnellata	0
09.0047	ex 1605 20 10 ex 1605 20 91 ex 1605 20 99	40 40 40	Gambli u *prawns* ta' l-ispeċi *Pandalus borealis*, bil-qoxra, mgħollija u ffriżati, iżda mhux ippreparati b'mod ieħor	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	500 tunnellata	0
09.0048	ex 0304 20 95	30	*Fillets* tal-ħut, iffriżati, ta' l-ispeċi *Allocyttus* spp. u *Pseudocyttus maculatus*	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	200 tunnellata	0
09.0050	ex 5306 10 10 ex 5306 10 30	10 10	Ħjut tal-kittien mhux ibbliċjati (għajr ħjut ta' rmonk), mhux impoġġi għall-bejgħ bl-imnut, ta' 333,3 *decitex* jew aktar (ta' mhux aktar minn 30 numru metriku), maħsub għall-manifattura ta' ħjut multiplu jew immaljat għall-industrija tax-xedd tas-saqajn jew għal *cables* tal-frosti (1)	mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	400 tunnellata	1,8
09.0051	7018 10 90		Affarijiet żgħar tal-ħġieġ simili għajr żibeg tal-ħġieġ, imitazzjoni ta' perli u imitazzjoni ta' ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	52 tunnellata	0
09.0091	1702 50 00		Fruttożju kimikament pur	mill-1 ta' Jannar 2000 sat-30 ta' Gunju 2000 u mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Gunju	(2) 4 504 tunnellata	20 (3)

Numru konsekuttiv	Il-kodici tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota	(f'litri ta' alkohol pur) (4)
09.0065	2208 40 31		— Rum u taffia: — — f'recipjenti li jesgħu żewg litri jew inqas: — — — għajr rum b'kontenut ta' sustanzi volatili għajr alkohol etilizzat u metilizzat ugwali għal jew aktar minn 225 gramm għal kull ettolitru ta' alkohol pur (b'tolleranza ta' 10 %)			
			— — — — ta' valur ta' aktar minn € 7,9 għal kull litru ta' alkohol pur	minn 1.1.2000 sa 31.12.2000	2 359 500	0, 4 €/% vol/hl + 1,8 €/hl
				minn 1.1.2001 sa 31.12.2001	2 595 450	0,3 €/% vol/hl + 1,2 €/hl
				minn 1.1.2002 sa 31.12.2002	2 854 995	0,2 €/% vol/hl + 0,6 €/hl

(1) Kontroll ta' l-użu għal dan l-iskop għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.

(2) Il-volum li jifdal tal-perjodu ta' kwota 1999/2000 skond ir-Regolament (KE) Nru 1808/95.

(3) Sospensjoni ta' dazju speċifiku sa mill-1 ta' Lulju 1995; id-dazju *ad valorem* li għandu jingħata każ tiegħu huwa d-dazju fis-seħħ li jidher fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, tas-7.9.1987), kif emendat.

(4) Il-volum tal-kwota huwa applikabbli għaż-żewg prodotti meħudin flimkien.

Numru konsekuttiv	Il-kodiċi tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota	Rata ta' dazju (%)
	2208 40 91		— — f'reċipjenti li jesgħu aktar minn żewg litri:			
			— — — għajr rum b'kontenut ta' sustanzi volatili għajr alkoħol etilizzat u metilizzat ugwali għal jew aktar minn 225 gramm għal kull ettolitru ta' alkoħol pur (b'tolleranza ta' 10 %)			
			— — — — ta' valur ta' aktar minn€ 2 għal kull litru ta' alkoħol pur	minn 1.1.2000 sa 31.12.2000		0,4 €/% vol/hl
				minn 1.1.2001 sa 31.12.2001		0,3 €/% vol/hl
				minn 1.1.2002 sa 31.12.2002		0,2 €/% vol/hl

L-ANNESS II

IL-KWOTA TARIFFARJA KOMUNITARJA GĦALL-IPPROĊESSAR 'IL BARRA TAL-KOMUNITÀ TA' ĊERTI PRODOTTI TAD-DRAPP (*)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jiġi meqjus li m'għandux iktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM. Fejn l-*ex* kodiċi tan-NM huma murija, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita permezz ta' l-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħudin flimkien.

Numru konsekuttiv	Il-Kodici tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota (%)
09.2501		Oġġetti li jirriżultaw mix-xogħol ta' proċessar kif previst fl-arranġamenti mill-Isvizzera (1) dwar it-traffiku ta' pproċessar fit-tessut kif ġej:	Mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Awissu 2000	(2)	0
			u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awissu	1 870 000 ta' valur miżjud	
		a) xogħol ta' proċessar fuq drapp minsuġ li jaqa' taħt il-Kapitoli 50 sa 55 u l-kodiċi tan-NM 5809 00 00			
		b) brim jew immaljar, *cabling* u nsiġ (kemm jekk magħqud ma' xogħol ieħor ta' pproċessar u kemm jekk le) ta' ħjut li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 55 u l-kodiċi tan-NM 5605 00 00			
		ċ) xogħol ta' proċessar fuq il-prodotti li jaqgħu fil-kodiċi tan-NM li ġejjin:			
		Ħjut *gimped*, u strixxi u oġġetti simili ta' intestatura Nru 5404 or 5405 *gimped* (għajr dawk ta' intestatura Nru 5605 u ħjut tax-xagħar taż-żiemel *gimped*); ħjut tax-xinilja (li jinkludi ħjut tax-xinilja); ħjut minsuġ imqabbeż:			
		— Oħrajn:			
	5606 00 91	— Ħjut *gimped*			
	5606 00 99	— Ieħor			
		Drapp bil-pil fil-wiċċ artab minsuġ u drapp tax-xinilja, għajr drapp ta' l-intestatura Nru 5802 jew 5806:			
	5801 10 00	— Tas-suf jew tal-pil fin ta' l-annimali			
		— Tal-qoton:			
	5801 22 00	— *Corduroy* maqtugħ			
	5801 23 00	— *Weft pile fabrics* oħra			
	5801 24 00	— Drapp tax-xoqqa, *épinglé* (mhux maqtugħ)			
	5801 25 00	— Drapp tax-xoqqa, maqtugħ			
	5801 26 00	— Drapp tax-xinilja			
		— Ta' fibri ffabrikati:			

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 69/304/KEE tat-28 ta' Lulju 1969 (ĠU L 240, ta' l-24.9.1969, p. 1).

(2) Il-bqija tal-volum ta' perjodu ta' kwota 1999/2000 skond ir-Regolament (KE) Nru 1808/95.

(*) Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' din il-kwota tat-tariffa, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ix-xogħol ta' pproċessar" għandu jfisser:

— għall-iskopijiet tal-paragrafi (a) u (ċ) tat-tielet kolonna: it-tibjid, l-ikkulurar, l-istampar, il-*flocking*, l-ilbies u xogħol ieħor li jbiddel id-dehra jew il-kwalità ta' l-oġġetti, minħajr madanakollu ma jibiddel in-natura tagħhom,

— għall-iskopijiet tal-paragrafu (b) tat-tielet kolonna: it-tgħawwiġ jew it-tfigħ, it-tidwir u l-għoti ta' texture, kemm jekk ikkumbinat bit-tkebbib, l-ikkulurar jew xogħol ieħor li jbiddel id-dehra, il-kwalità jew it-tlestija ta' l-oġġetti, minħajr madanakollu ma jbiddel in-natura tagħhom;

(b) "il-valur miżjud" għandu jfisser:

id-differenza bejn il-valur tad-dwana, kif definit fil-leġislazzjoni Komunitarja dwar is-suġġett, fil-ħin ta' l-importazzjoni mill-ġdid u l-valur tad-dwana li kien ikun stabbilit kieku l-prodotti kienu importati mill-ġdid fl-istat li fih kienu esportati.

Numru konsekuttiv	Il-Kodici tan-NM	Is-Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu ta' kwota	Volum tal-kwota (%)
09.2501 *(ikompli)*	5801 32 00	— — *Corduroy* maqtugħ			
	5801 33 00	— — *Weft pile fabrics* oħra			
	5801 34 00	— — *Warp pile fabrics*, épinglé (mhux maqtugħin)			
	5801 35 00	— — Drapp tax-xoqqa, maqtugħ			
	5801 36 00	— — Drapp tax-xinilja			
	5801 90	— Ta' materjali tat-tessut oħra			
	5802	*Terry towelling* u *terry fabrics* minsuġin simili oħra, għajr drapp minsuġ fin ta' intestatura Nru 5806; drapp bit-trofof, għajr prodotti ta' intestatura Nru 5703			
	5804	Tullijiet u drapp ieħor tax-xibka, li ma jinkludix drapp minsuġ, innittjat jew maħdum bil-*crochet*; bizzilla bil-biċċa, fi strixxi jew f'motivi, għajr drapp ta' intestatura Nru 6002			
	5806	Drapp minsuġ fin, għajr oġġetti ta' intestatura Nru 5807; drapp fin magħmul mix-xoqqa mingħajr insiġ maqgħud permezz ta' adeżiv (*bolducs*)			
	5808	*Braids* bil-biċċa; *trimmings* ta' tiżjin bil-biċċa, mingħajr rakkmu mhux innittjati jew maħdumin bil-*crochet*; ġmiemen, *pompoms* u oġġetti simili			
	6001	Drapp bil-pil, li jinkludi "drapp bil-pil twil" u *terry fabrics*, innittjat jew maħdum bil-*crochet*			
	6002	Drapp ieħor innittjat jew maħdum bil-*crochet*			

L-ANNESS III

LISTA TAL-KWOTI TA' TARIFFI KOMUNITARJI GĦALL-PRODOTTI TAL-ĠUTA U TAL-FIBRA TAL-ĠEWŻA TA' L-INDI

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jiġi meqjus li m'għandux iktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi tan-NM. Meta l-kodiċi tan-NM huma murija, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita permezz ta' l-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

Numru konsekuttiv	Il-Kodici tan-NM	Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Rata ta' dazju (%)
09.0107	5310		Drapp minsuġ tal-ġuta jew tal-fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303	mill-1.1.2000 sal-31.12.2000	68 000 t	0
			Spag, ċwiemi, ħbula u *cables*, kemm jekk immaljati jew trizzati kif ukoll jekk le u kemm jekk imdeffsin fl-ilma, miksija, mgħottija jew milqugħin bil-gomma jew bil-plastik:	u mill-1.1.2001 sal–31.12.2001		
	5607 10 00		— Tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
			Twapet u kisi tat-tessut ieħor ta' l-art, minsuġ, mhux bit-trofof jew immaljat, kemm jekk fabbrikati kif ukoll jekk le, inklużi "Kelem", "Schumacks", "Karamanie" u twapet simili minsuġin bl-idejn:			
	ex 5702 39 90	10	— Kisi ta' l-art, tat-tip bil-pil, mhux fabbrikati, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
	ex 5702 49 90	10	— Kisi ta' l-art, tat-tip bil-pil, fabbrikati, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
	ex 5702 59 00	10	— Kisi ta' l-art, mhux tat-tip bil-pil, mhux fabbrikati, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
	ex 5702 99 00	10	— Kisi ta' l-art, mhux tat-tip bil-pil, fabbrikati, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
			Twapet u kisi tat-tessut ieħor ta' l-art, bit-trofof, kemm jekk fabbrikat kif ukoll jekk le:			
	ex 5703 90 00	10	— Tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nr 5303			
			Drapp minsuġ bil-fin, għajr oġġetti ta' intestatura Nru 5807; drapp minsuġ bil-fin magħmulin minn ħjut għall-medd mingħajr tgħama magħqud permezz ta' adesiv (*bolducs*):			
	ex 5806 39 00	10	— Drapp minsuġ ieħor, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
	ex 5806 40 00	10	— drapp minsuġ bil-fin magħmulin minn ħjut għall-medd mingħajr tgħama magħqud permezz ta' adesiv (*bolducs*), tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			
			Kisi tad-drapp tal-ħitan:			
			— Ieħor:			
	5905 00 50		— — Tal-ġuta			
	ex 5905 00 90	10	— — Tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303			

Numru konsekuttiv	Il-Kodici tan-NM	Suddiviżjoni tat-Taric	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Rata ta' dazju (%)
09.0109	5702 20 00		Kisi ta' l-art ta' fibri tal-gewż ta' l-Indi (kajjar)	mill–1.1.2000 sal–31.12.2000 u mill-1.1.2001 sal–31.12.2001	9 000 t	0
09.0111	6305 10 90		Xkejjer u boroż ta' tip użati għall-ippakkjar ta' oġġetti, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tilju tat-tessut ta' intestatura Nru 5303, għajr dawk użati	Mill-1.1.2000 sal–31.12.2000 u mill–1.1.2001 sal–31.12.2001	98 000 t	0

L-ANNESS IV

LISTA TAL-KWOTI TA' TARIFFI KOMUNITARJI GĦAL ĊERTI PRODOTTI MAGĦMULIN BL-IDEJN [1]

